MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-30 ta' April, 2013

Numru 20/2000

**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**
**A.MICALLEF TRIGONA LL.D.,MAG.JUR (EU LAW)**

**ILLUM 23 TA' April 2013**

Il-Pulizija
(Supretendent Carmelo Magri)
vs
Charles Debono

Il-Qorti,
Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputat ta' karta ta' identita' numru 36665m, akkuzat talli b'diversi atti wkoll jekk maghmulin fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:
1. f'dawn il-Gzejjer fis-6 ta' Jannar 2000 ghal habta tal-5.00 ta' filghaxija u matul ix-xhur ta' qabel f'diversi okkazjonijiet u f'hinijiet different bil-hsieb li jikkorrompi

xhud fi procedure kriminali wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt billi b'theddid, b'rigali jew weghdi, avvicina lil Paul Micallef, xhud principali fi procedure kriminali sabiex jaghti x-xhieda falza, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta' tieghu;

2. fit-22 ta' Novembru 1999 u fix-xhur ta' wara din id-data m'obdiex l-ordnijiet legittimi ta' l-awtorita' jew ta' wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku jew ma halliehx jew fixklu waqt li jkun jaghmel id-dmirijiet tieghu jew b'xi mod iehor bla jedd indahal fi dmiru billi ma halliex lill-haddiehor jaghmel dak li b'ligi jkun ordnat jew jista' jaghmel jew billi gab fix-xejn jew hassar dak li haddiehor ikun ghamel skond il-ligi jew b'xi mod iehor li jkun;

3. f'xi hin bejn l-ewwel u t-tnejn ta' Ottubru 1999 f'dawn il-Gzejjer irrenda ruhhu komplici billi b'xi mod li jkun xjentement ghen jew assista lill-awtur jew lill-awturi fil-habi tal-katavru ta' Therese Agius minn Rahal Gdid cjoe' persuna li mietet f'delitt;

4. sar recidiv ai termini ta' l-Artikolu 49, 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. kiser il-kundizzjoni tal-Artikolu 9 tal-Kap 152 tal-Ligijiet ta' Malta li gew impost fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Awla 7 datat 26 ta' Jannar 1999;

Rat ir-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali permezz ta' liema bghat lill-imputat sabiex jigi ggudikat minn dina l-Qorti rigward il-htija jew nuqqas taghha;

Semghet lill-imputat jghati l-kunsens tieghu li l-kawza tinstema u tigi deciza minn dina l-Qorti;

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkonsidrat:

Ai termini tar-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali l-imputat jinsab akkuzat:

a. b'attentat korruzzjoni ta' xhud;

b. bl-offiza kontravenzjonali li ma obdiex ordnijiet legittimi moghtija lilu mill-pulizija;

c. b’komplicita’ fil-habi ta’ persuna maqtula;
d. bir-recidiva;
e. bi ksur tal-kundizzjonijiet tal-Artikolu 9 tal-Kap.152.

Dawn l-imputazzjonijiet ghandhom ma’ sejba ta’ kadavru l-barra minn Delimara li kien investigat bhala omicidju volontarju. Il-fatti relatati huma li wara s-sejba tal-kadavru, li wara investigazzjoi intensiva kien irrisulta dak ta’ Therese Agius, gie maghruf illi hi kienet mietet f’appartament f’Triq Testaferrata l-Gzira kawza injezzjoni ta’ droga erojina lilha somministrata fl-imsemmi appartament. Irrisulta li kienu tlieta b’kollox il-persuni presenti dak il-hin f’’dan l-appartament fosthom certu Paul Micallef. Ghalkemm hu stabbilit li l-imputat ma kienx fost dawn it-tlett persuni (fost it-tlieta hemm inkluza d-decujus) irrisulta li l-appartament kien tal-imputat jew is-siehba tieghu mikri ghand l-imsemmija Therese Agius. L-imputat f’dan iz-zmien kien jirrisjedi fl-appartament sottostanti.

Fir-konfront ta’ l-ewwel imputazzjoni – l-attentat korruzzjoni ta’ xhud – l-ufficjal prosekutur (illum is-Supratendent Carmelo Magri) quddiem din il-Qorti kif preseduta irrifera ghax-xhud fl-imsemmija persuna ta’ Paul Micallef u jghid illi wara li dan ix-xhud kien ta x-xhieda tieghu quddiem il-Magistrat Inkwirenti fl-inkjesta kien avvicinat mill-imputat li kien intimidah sabiex ibiddel l-versjoni tieghu u lilu ma jsemmihx anzi jaqilghu mix-xhieda li dan Micallef kien ta lill-Magistrat Inkwirenti u wkoll li jimplika persuna ohra li kienet fornit d-droga lill-Therese Agius (presumibilment minflokk certu Joseph Azzopardi) b’theddida li jekk ma jghamilx kif kien qed jghidlu u lit-tifla tieghu jigrilha xi haga jaghmillu zewg toqbiet f’wiccu. Fuq dan gie interrogat l-imputat li cahad. Hawhekk l-imputat gie imwissi u hu kien ta l-kelma tieghu li ma kkelimx jew javicina lil dan ix-xhud (Paul Micallef) li skond l-ufficjal prosekutur ma gietx obduta billi l-imputat kien mar ma’ l-imsemmi Micallef ghand il-gazzetta l-‘Orizzont’ fejn dan ta’ l-ahhar ghamel stqarrija totalment opposta dik li kien ta lill-Magistrat Inkwirenti. Tali fatt li l-imputat injora l-ordni li ma jkellimx lix-xhud tifforma l-bazi tat-tieni imputazzjoni - li hija kontravenzjonali – u li l-

imputat jistqarr fix-xhieda tieghu li ghandha mill-verita'. Fir-rigward l-imputat sostna li kien kelmu dwar flus li kellu jiehu minghandu. Izda, almenu fil-konfront ta' dawn iz-zewg imputazzjonijiet, il-Qorti nisslet il-konvinzjoni li l-imputat verament avvicina lix-xhud wara li dan kien halef quddiem il-Magistrat Inkwirenti mhux biss biex jikkonfondi l-investigazzjoni izda biex hu, l-imputat, ma jibqax jissemma. Il-Qorti temmen wkoll li l-imputat ried b'xi mod jinnewtralizza jew jizzvija l-indagni li Agius kienet mietet fl-appartament sovrastanti dak fejn kien kien jirrisjedi flimkien mas-siehba tieghu, dak iz-zmien. B'differenza lil uhud mix-xhieda li l-imputat kien ukoll avvicina u kellem lil dan Micallef kien heddu. U hu proprju ghalhekk li jimmanifesta r-reat taht l-Artikolu 102(b) tal-Kap 9 indikat mill-Avukat Generali konformi mal-ewwel akkuza fit-tahrika. Tirrisulta wkoll fuq dak li gja ntqal it-tieni imputazzjoni ossija dik ai termini tal-Artikolu 338(ee) tac-citat Kap 9.

Dak li jista talvolta jqajjem dubbji hi l-imputazzjoni li tixli l-imputat b'komplicita' fil-habi tal-katavru tal-imsemmija Therese Agius. Din l-imputazzjoni ssib ir-raguni taghha f'dak li stqarr ix-xhud Micallef meta ddepona quddiem il-Qorti fid-9 ta' Gunju tas-sena elfejn. Hawnhekk jghid li meta l-imsemmija Agius stordiet u ssabtet mal-art appena giet lilha issoministrata l-eroina hu nizzel jigri ghand l-imputat. Dan qallu "ehilsuni minnha, thalluliehx hemm"'. Ix-xhud jghid li baqa' hiereg mill-korp tal-appatamenti. Kompla li, xi hin wara, osserva lil Azzopardi meghjun mill-imputat jerfghu lil Theresa Agius imgezwra f'lizar u tiddahhal f'van li kien mikri lill-Azzopardi. Issa, fil-waqt li huwa minnu li hemm biss accenn  ghal dan li xehed ix-xhud quddiem il-Qorti f'deposizzjoni tieghu f'proceduri ohra, li jinsabu inseriti f'dawn l-atti, u ma jissemma xejn la fl-istqarrija li kien irrilaxxja lill-Pulizija guramentata quddiem il-Magistrat Inkwirenti u l'anqas f'deposizzjonijiet ohrajn quddiem qrati diversament preseduti wkoll inseriti f'dawn l-atti, din l-Qorti, madanakollu, ma thoss li ghandha tiskarta din ix-xhieda li ta' dan l-imputat taht gurament quddiema anka fid-dawl tax-xhieda tal-imputat quddiema li, fil-fehma taghha, ma kienx kredibbli.

Mill-bqija: l-ebda sentenza ma tinsab li giet esebita li tissostanzja l-ksur tal-Artikolu 9 tal-Kap 152 u dwar ir-recidiva l-prova taghha ma tistax tigi ikkonsidrata li saret ghab-bazi tas-sentenza (l-unika wahda) esebita a folio 285 nieqsa l-prova tal-identita' kemm taghha u tal-imputat.

Ghaldaqstant, issibu hati:
1. in kwantu ghall-attentat li jikkorrompi xhud – l-ewwel imputazzjoni;
2. in kwantu ghall-offiza kontravenzjonali li naqas li jobdi ordni legittima tal-Pulizija;
3. in kwantu l-komplicita' fil-habi tal-katavru.

Tilliberah mill-bqija.
Rat l-Artikolu 102(b), 104(1), 338(ee), 42(d), 43, 239, 17(d) u 31 tal-Kap 9.
Tikkundannah ghoxrin xahar prigunerija li n-forza tal-Artikolu 28A tal-Kap 9 qeghdha tissospendihom ghal perjodu ta' erba snin mill-lum sakemm l-imputat ma jaghmilx reat iehor punibbli bi prigunerija.

Il-Qorti fehmet lill-imputat ir-responsabiltajiet tieghu skond is-sentenza.

A.M.Trigona
Magistrat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------